# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru: 184/2020 LC

**PIERRE CARUANA**
**(K.I. 424562M)**

*vs*

**ISD COMPANY LIMITED**
**(C-67005)**

**Illum, 25 ta' Settembru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-avviż ippreżentat mir-rikorrenti Pierre Caruana fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallsu lura s-somma ta' sitt elef u ħames mitt Ewro (€6,500) imħallsa minnu bħala depożitu mill-prezz globali ta' disat' elef, mija u sebgħin Ewro (€9,170) għall-pannelli solari li huwa ftiehem li jikkonsenja mingħandhom, u li baqgħu qatt ma ġew installati fil-propjetà tal-esponenti minn Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) 'il quddiem, oltre l-ispejjeż legali u proċedurali, flimkien mal-ispejjeż ta' din il-kawża, bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv;

Rat ir-risposta tas-soċjetà ISD Company Limited fejn eċċepiet is-segwenti:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti għal rifużjoni tad-depożitu mħallas mhix ġustifikata u m'hi msejsa fuq l-ebda bażi jew raġuni legali;

2. Illi r-raġuni għall-fatt li l-panelli solari in kwistjoni ma ġewx installati fil-proprjeta' tar-rikorrenti hi unikament attribwibbli lir-rikorrent, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

3. Illi l-panelli ma kellhomx jiġu installati f'Ottubru 2019, kif donnu qiegħed jallega r-rikorrenti. Filwaqt li l-ordni oriġinali saret f'Awwissu 2019, kien fil-bidu ta' Diċembru 2019 li setgħu jiġu nstallati l-panelli u dan wara li f'Settembru 2019 is-soċjeta intimata applikat għan-nom tar-rikorrent, u ottjeniet mingħand ir-Regulator for Energy and Water Services, il-Feed in Tariff relattiv, u sussegwentement fil-bidu ta' Diċembru 2019 irċeviet mill-Olanda il-frame u ċioe' l-istruttura tal-ħadid li fuqha kienu se jitwaħħlu l-panelli, l-kejl għal liema frame ttieħed fuq il-post f'Settembru 2019 u ġie ordnat f'Ottubru 2019;

4. Illi hekk kif il-frame wasal Malta kif fuq ingħad u għalhekk is-soċjeta' intimata kienet lesta sabiex tinstalla l-panelli fil-fond tar-rikorrent, l-istess rikorrenti irrifjuta li ssir l-installazzjoni f'Diċembru 2019 u f'Jannar 2020 minħabba raġunijiet ta' saħħa;

5. Illi fi Frar 2020, bi ftehim mar-rikorrent, l-installer tas-soċjeta' intimata spezzjona l-post sabiex jivverifika dak kollu meħtieġ għall-installazzjoni tal-panelli, fil-fatt ġie ordnat dak kollu meħtieġ sabiex setgħet issir l-installazzjoni. Pero' ftit wara ħarġet l-imxija tal-COVID 19 u għalhekk fix-xhur ta' Marzu u April 2020 l-installer tas-soċjeta' intimata ma setgħax imur fir-residenzi tal-klijenti, inkluż tar-rikorrent, u dan skond id-direttivi tas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika, anke għaliex l-imsemmi installar jgħix ma' persuni vulnerabbli;

6. Illi fid-9 ta' Mejju 2020 l-installer ipprova jagħmel kuntatt mar-rikorrent sabiex iseħħ l-installazzjoni tal-panelli fil-fond tar-rikorrent, però b'sorpriża għas-soċjeta' intimata, r-rikorent irrifjuta u indika li ma riedx aktar il-panelli (Dok. A);

7. Illi nonostante diversi tentattivi da parte tas-soċjeta' intimata sabiex tkun tista' twettaq l-installazzjoni, ir-rikorrent webbes rasu u b'mod pastaż, u fuq kollox mingħajr raġuni valida fil-liġi, baqa' jinsisti li ma jridx aktar il-panelli (Dok. B);

8. Illi s-soċjeta' intimata infurmat lir-rikorrent li hi kienet u għada disposta li twettaq l-installazzjoni tal-panelli u li jekk ir-rikorrent jibqa' jinsisti li ma jridx iżjed l-istess pannelli se jitler id-depożitu minnu mħallas in kwantu m'hemm l-ebda raġuni valida għar-rifużjoni tal-istess depożitu, anke għaliex is-soċjeta' intimata laħqet daħlet fl-ispejjeż inter alia sabiex takkwista l-frame hawn fuq imsemmi (Dok. C);

9. Illi għalhekk it-talba rikorrenti hi infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent;

   Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali;

Semgħat x-xhieda;

Semgħat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma, fil-qosor, li f'Awwissu 2019 ir-rikorrenti akkwista sett ta' pannelli mis-soċjetà intimata għall-prezz komplessiv ta' €9,170. Huwa ħallas is-somma ta' €200 għall-applikazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) u sussegwentement ħallas is-somma ta' €6,500 f'żewġ pagamenti. Sabiex dawn il-pannelli jiġu nstallati fir-residenza tar-rikorrenti, kien hemm il-ħtieġa li jsiru xi xogħolijiet ta' ħadid biex fuqhom tkun tista' titpoġġa l-frame u l-pannelli. Jirriżulta mill-provi li sa meta ġiet intavolata l-kawża, l-pannelli kienu għadhom mhux installati, bir-

rikorrenti jsostni illi dan in-nuqqas huwa attribwibbli għall-fatt li hu tilef il-fiduċja fis-soċjetà intimata għaliex, skont hu, ma żammitx mal-obbligi tagħha, filwaqt li s-soċjetà intimata tgħid li hekk kif ġew fi tmiemhom ir-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, hija riedet twettaq l-istallazzjoni iżda r-rikorrenti ma riedx. Permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qed jitlob ir-riżarċiment ta' dak li huwa ħallas bħala depożitu.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda mogħtija mir-rikorrenti Pierre Caruana jirrizulta li meta f'Awwissu 2019, kien kellmu ċertu Ian mis-soċjetà intimata u ħajjru sabiex jakkwista s-sett pannelli u jinstallhom fir-residenza tiegħu, hu ngħata x'jifhem li dan Ian kien se jieħu ħsieb kull pass tal-installazzjoni u li r-rikorrenti ma kienx ser ikollu x'jaqsam bl-ebda mod ma terzi.

Illi fis-26 ta' Awwissu 2016 ir-rikorrenti ħallas *Professional Fee* fl-ammont ta' €200 b'rabta ma' l-applikazzjoni magħmula mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS).[1] Hekk kif l-applikazzjoni ġiet approvata, huwa ħallas lis-soċjetà intimata s-somma ta' €4,500 permezz ta' *Bank Draft* datat it-8 ta' Ottubru 2019[2]. Qal li f'Ottubru 2019 is-soċjetà intimata informatu li l-*frame* għall-pannelli kellu jiġi ordnat minn barra minn Malta u li anke kellu jmur ħaddied id-dar tiegħu, ċerta "Gary", bil-għan li jkun jista' jkejjel u eventwalment jinstalla xi travi fuq il-bejt u jserraħ il-*frame* bil-pannelli fuqhom.

Filfatt, f'Otturbu 2019 Gary kien ikkomunika mar-rikorrenti sabiex imur ikejjel ix-xogħol iżda r-rikorrenti nformaħ li f'dak iż-żmien fir-residenza tiegħu kien hemm persuna li kien għadu kemm irritorna mill-Isptar b'kondizzjoni medika serja u ftehmu li jħallu ġimgħatejn jgħaddu u Gary jerġa' jċempillu għall-appuntament. Wara għaxart' ijiem ir-rikorrenti ċempel lil dan Gary biex jinformaħ li seta jmur ikejjel meta ried u baqgħu li Gary

[1] Ara dok "A" a fol. 28 tal-atti proċesswali;
[2] Ara dok "B" a fol. 29 tal-atti proċesswali;

kellu jċempillu lura. Gary baqa' ma ċempillux u r-rikorrenti beda jċempel lis-soċjetà intimata, fejn qalulu li kienu se jkellmuħ huma. Ir-rikorrenti beda jsaqsi wkoll għal Ian, li kien kellmu fil-bidu, u qalulu li ma kellux x'jaqsam ma' dawn l-affarijiet peress li dak kien salesman. Sussegwentement, meta l-*frame* wasal Malta, r-rikorrenti ħallas is-somma ta' €2,000 permezz ta' ċekk bankarju datat is-26 ta' Novembru 2019[3] u nfurmahom ukoll li Gary kien għadu ma kkomunikax miegħu. Hawnhekk skopra li Gary ma kienx impjegat tagħhom iżda kien kuntrattur. Qalulu li ladarba Gary jlesti x-xogħolijiet, huma kienu se jistallaw il-pannelli u li sa Diċembru 2019 ix-xogħol kellu jkun lest. Qal li ħadd aktar ma kellmu mis-soċjetà intimata u kellu jkun hu biex ifakkarhom u jiġri warajhom, anzi bdew jgħidulu biex jiġri hu wara l-ħaddied. Sfortunatament imbagħad faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Jgħid li minn Novembru 2019 sa Frar 2020 m'għamlu xejn ħlief li ħadulu l-flus u li tilef kull fiduċja tiegħu fihom. In kontro-eżami hu qal illi għalkemm kien qed jissuspetta li qed jipprovaw iqarrqu biħ f'Ottubru 2019, hu xorta ħallas l-€2,000 f'Novembru 2019 peress li kien diġà ntrabat magħhom bid-deposit ta' €4,500. Qal li ma jafx jekk Ian taħx in-numru tal-mobile u qal li għalkemm ġieli ċemplulu mis-soċjetà intimata, hu kien imur għandhom ta sikwit. Qal li bejn Ottubru 2019 u Frar 2020 ħadd ma kellmu. Fi Frar 2020 ġiet il-pandemija tal-COVID-19 u qalulu li kienu qegħdin b'*lockdown* u ma kienu qed jibgħatu lil ħadd. Qal li f'Mejju 2020 is-soċjetà intimata qaltlu li kienet lesta biex tinstalla l-pannelli iżda imbagħad kien hu li rrifjuta. Qal li meta wasal il-*frame* f'Malta, is-soċjetà intimata tatu *timeline* verbali li sa Diċembru 2019 jew Jannar 2020 il-pannelli kellhom jiġu installati. Qal li hu ma riedx aktar il-pannelli għaliex ma baqax jafda s-soċjetà intimata u fil-qasam tal-pannelli, kien se jkollu bżonn *after sales service* tajjeb u diġa kienu qed juruħ servizz ħażin meta lanqas biss kienu twaħħlu l-pannelli f'posthom. In ri-eżami hu qal li kien għamilha ċara li ma riedx ikollu x'jaqsam ma terzi persuni u li minħabba l-kondizzjonijiet partikolari tal-Wardija, ċioè fejn kellha ssir l-istallazzjoni, fix-xitwa ma jkunx possibbli li ssir l-installazzjoni, allura kien qalilhom li l-istallazzjoni triq issir qabel ma tibda x-xitwa.

[3] Ara dok "F" a fol. 33 tal-atti proċesswali;

Ir-rikorrenti ppreżenta wkoll l-affidavit tal-ħabib tiegħu Ibrahim Ramadan li kkonferma li hu jirrisjedi mar-rikorrenti u li f'Ottubru 2019 hu kellu jmur l-emerġenza tal-Isptar b'marda serja u li r-rikorrenti kien avża lis-soċjetà intimata b'dan kollu. In kontro-eżami jgħid li r-rikorrenti ma kienx ma jiflaħx f'dak iż-żmien.

Ir-rappreżentanta tas-soċjetà intimata xehdet illi fis-26 ta' Awwissu 2019 ir-rikorrenti kien iffirma *order form*. Qalet li fit-3 ta' Settembru 2019 huma applikaw għall-għotja mar-REWS, liema applikazzjoni ġiet milqugħa fit-13 ta' Settembru 2019 u fis-27 ta' Settembru 2019 marru d-dar tiegħu sabiex jieħdu l-kejl għall-*frame* li kellu jiġi ordnat minn barra minn Malta. Spjegat li peress li l-bejt ma kienx jiflaħ ħafna piż, ir-rikorrenti kien jeħtieġlu żewġ strutturi: waħda bit-travi sabiex tieħu l-piż hi, u l-oħra l-*frame* tal-pannelli biex tistrieħ fuq it-travi. Qalet li d-deposit fuq il-pannelli jieħduħ biss wara li l-applikazzjoni tiġi approvata minn REWS, bħalma għamlu f'dan il-każ. Qalet li bħala timeline ma tkunx tista' tikkommetti ruħha mal-klijenti peress li mhux dejjem jittieħed l-istess ammont ta' żmien sabiex applikazzjoni tiġi approvata. Qalet ukoll li l-frame tal-pannelli jordnawħ minn barra peress li jrid ikun iggalvanizzat wara li jkunu tlestew it-toqob biex ma jibdiex joħroġ is-sadid. Dan il-proċess ukoll jieħu tul ta' żmien. Qalet filfatt li l-frame kien wasal għall-bidu ta' Diċembru 2019 u ċemplu lir-rikorrenti għal nofs Diċembru biex jagħmlu l-installazzjoni. Qalet li r-rikorrenti qalilhom biex ma jmorrux għax kellu xi mard fil-familja u biex iħallu Diċembru 2019 u Jannar 2020 barra. Fi Frar 2020 faqqgħet il-Pandemija tal-COVID-19 u ma setgħux imorru fir-residenza tiegħu biex jinstallawhom minħabba d-direttivi tas-saħħa mogħtija dak iż-żmien. Qalet li f'April 2020 kienu għalqu l-uffiċċju u rritornaw lura fid-9 ta' Mejju 2020. Qalet li huma kkuntattjaw lir-rikorrenti mal-ewwel sabiex jagħmlu l-installazzjoni tal-pannelli.

Ikkonsidrat;

Illi l-vertenza odjerna tikkonċerna bejgħ magħmul bejn is-soċjetà intimata u r-rikorrenti. Illi ai termini tal-Artikolu 1346 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta,

il-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha. Di più, l-Artikolu 1347 tal-Kap. 16 jistipola illi:

> *"Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej."*

Illi fil-każ *de quo* jirriżulta ampju illi l-kontraenti validament ikkontrattaw kuntratt ta' bejgħ fir-rigward tal-pannelli msemmija stante li kemm il-ħaġa (ossija pannelli) kif ukoll il-prezz ġew miftiehma bejniethom. Stabbilit dan il-qafas regolatorju, is-soċjetà intimata għandha żewġ obbligi: (i) il-kunsinna tal-ħaġa u (ii) li tiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa.[4] Illi da parti tiegħu, ir-rikorrenti *qua* xerrej għandu l-obbligu li jħallas il-prezz miftiehem skont kif miftiehem mas-soċjetà bejjiegħa.[5]

Illi l-azzjoni odjerna jidher li hi pprenjata fuq l-allegat nuqqas ta' kunsinna tal-oġġett da parti tas-soċjetà intimata. Illi din l-azzjoni ssib l-ingredjenti tagħha fl-Artikolu 1385 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jistipola:

> *"**1385**. Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss."*

Illi mill-fatti tal-każ joħroġ ċar illi hekk kif wasal il-*frame* f'Malta, ċioè fil-bidu ta' Diċembru 2019, il-kunsinna tal-pannelli setgħet issir. Qabel ma ssir

---

[4] Artikolu 1378 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 1433 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

però, minħabba l-fatt li l-bejt tar-rikorrenti ma kienx jiflaħ għall-piż tal-pannelli, kellhom isiru xi xogħolijiet ta' travi biex jerfgħu il-piż u għal dan l-għan kellu jmur ċerta Gary sabiex jieħu l-kejl tal-bejt u jħejji s-sodda tat-travi. Gary, filfatt, kellem lir-rikorrenti f'Ottubru 2019 bil-għan li jagħmel appuntament, jieħu l-kejl u jlesti t-travi biex meta jasal il-*frame* minn barra minn Malta ikun jista' jitpoġġa fuqu.

Illi m'huwiex ikkontestat li l-ewwel tentattiv għall-kejl ġie mħassar mir-rikorrenti u dan peress li dak iż-żmien kellu persuna fir-residenza li kellha marda serja u ma riedx jirriskja li Gary jittieħed. Jirriżulta li wara l-marda għaddiet, ir-rikorrenti kkomunika darba oħra ma Gary biex jinfurmaħ li seta jmur jieħu l-kejl. Jirriżulta li wara din il-komunikazzjoni, ir-rikorrenti kien qed jikkomunika biss mas-soċjetà intimata dwar l-appuntament għat-teħid tal-kejl u huma, min-naħa tagħhom, kienu qed jikkomunikaw ma Gary. Jidher mill-provi, però, li hemm perjodu ta' silenzju bejn nofs Diċembru 2019 sa Jannar 2020 bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti ma jagħti ebda ħjiel għar-raġuni ta' dan is-silenzju. Ir-rappreżentanta tas-soċjetà intimata, min-naħa tagħha, tgħid li kien l-istess rikorrenti li tahom struzzjonijiet biex ma jmorrux jinstallaw bejn Diċembru 2019 u Jannar 2020. Għalkemm din il-verżjoni ma ġietx ikkonfermata mir-rikorrenti, in kontro-eżami hu jistqarr li l-Wardija t-temp fix-xitwa huwa avers ħafna u ma riedx jissogra li xi ħadd mill-ħaddiema jweġġa' fuq il-propjetà tiegħu u b'hekk ma riedx li l-installazzjoni ssir fix-xitwa. Illi fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni tas-soċjetà intimata, meħuda mal-biża' tar-rikorrenti, hija verosimili u b'hekk il-Qorti hija tal-fehma li l-istallazzjoni, tal-inqas sa' Jannar 2020, kienet qed tkun posposta da parti tar-rikorrenti.

Illi fi Frar 2020 bi ftehim mar-rikorrenti, is-soċjetà intimata bagħtet *installer* fir-residenza tiegħu sabiex jivverifika dak kollu meħtieġ għall-istallazzjoni tal-pannelli. Ġara però li hekk kif feġġgħet il-pandemija tal-COVID-19, s-soċjetà intimata waqfet iż-żjajjar fid-djar tal-klijenti tagħha f'konformità mad-Direttivi li kienu qed jingħataw f'dawk iż-żminijiet mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, kif *del resto* għamlu l-maġġoranza tal-istabbilimenti kummerċjali

f’Malta u hekk kif ir-restrizzjonijiet bdew jiġu rilassati, is-soċjetà intimata ikkomunikat miegħu sabiex issir l-istallazzjoni.

Illi mic-*chats* ippreżentati mis-soċjetà intimata jirriżulta illi fid-9 ta’ Mejju 2020 kemm Gary kif ukoll is-soċjetà intimata ikkomunikaw mar-rikorrenti biex jiftiehmu ħa ssir l-installazzjoni iżda r-rikorrenti qalilhom li issa kien tard wisq u li ma riedx aktar il-pannelli u li ried lura d-deposit mħallas. Illi b’hekk jirriżulta li waħda mir-raġunijiet li r-rikorrenti ried iħassar il-bejgħ u jieħu d-deposit lura kienet it-tardività tal-kunsinna tal-pannelli.

Illi l-Artikolu 1385 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, sopra ċitat, jagħti l-fakultà lir-rikorrenti jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta’ bejgħ, kif donnu qed jagħmel ir-rikorrenti bil-preżenti kawża, fl-eventwalità biss li d-dewmien għall-kunsinna jkun <u>kkaġunat mill-bejjiegħ biss</u>. Qed jingħad illi “jidher” peress li r-rikorrenti m’għamel ebda talba espliċitu għar-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ u lanqas ma indikat abbażi ta’ liema disposizzjoni tal-liġi qed jagħmel din it-talba.

Mill-provi prodotti, madanakollu, jirriżulta illi l-partijiet qatt ma ftehemu dwar żmien għall-installazzjoni tal-pannelli u b’hekk l-allegat dewmien huwa biss relattiv għal dak li kien qed jippretendi r-rikorrenti. Illi madanakollu anke jekk stess jista’ jingħad li kien hemm xi dewmien, dan ma kienx ikkaġunat biss mis-soċjetà intimata qua bejjiegħa iżda anke mill-istess rikorrenti qua xerrej. Filfatt, l-ewwel appuntament ma Gary ma sarx għax ġie pospost mir-rikorrenti filwaqt li għall-perjodu ta’ bejn nofs Diċembru 2019 u Jannar 2020 ma sarux tentattivi għall-istallar tal-pannelli fuq talba tal-istess rikorrenti. Illi b’hekk, m’huwiex leċitu għar-rikorrenti li jitlob lura r-rifużjoni tad-depożitu u l-kanċellament tal-bejgħ.

Illi r-rikorrenti jgħid ukoll li hu tilef il-fiduċja tiegħu fis-soċjetà intimata u ma jarax kif din tista’ tipprovdilu servizz ta’ *after sales* tajjeb. Jgħid li anke abbażi ta’ din il-biża’, huwa jrid jirrexxindi l-bejgħ odjern. Illi r-raġunijiet li fuqhom xerrej jista’ jitlob ir-rexissjoni tal-bejgħ huma ben stabbiliti fil-Kodiċi Ċivili u r-raġuni mogħtija mir-rikorrenti ma tirraffigurax fir-raġunijiet

mogħtija mil-liġi. Illi fi kwalunkwe każ, il-pannelli għadhom ma ġewx installati u kwalunkwe biża' li jista' għandu r-rikorrenti hija prematura u spekulattiva

Illi fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrenti jgħid li meta skopra li Gary kien kuntrattur terz, hu jgħid li nduna li "ISD riedu jqarrqu biħ". Illi hawnhekk, jidher li r-rikorrenti qed jibbaża r-raġuni għat-talba tar-rifużjoni tad-deposit fuq il-*mala fede* tas-soċjetà intimata.

Illi f'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għal dak riportat fis-sentenza **John Calleja vs Carmelo sive Charles Degiorgio et**:[6]

> *"Issa skond l-Artikolu 532 tal-Kap 16 il-buona fede hi prezunta u min jallega l-mala fede ghandu jipprovaha. Prova din li trid tirrizulta minn cirkostanzi univoci (**Vol XLIII pI p146**). "La prova della mala fede si deve desumere da circostanze ineluttabili ed affatto non equivoche" ("**Borg -vs- Grech**", 30 ta' Jannar 1869 citata fis-sentenza a **Vol XXIX pII p153**). Jinkombi ghalhekk fuq l-attur l-oneru li jinnewtralizza u jwaqqa' l-principju generali tal-presunzjoni sancit fl-artikolu msemmi tal-ligi."*

Illi r-rikorrenti ma ressaq ebda prova in sostenn tal-fatt li, skont hu, s-soċjetà intimata provat tqarraq biħ u għalkemm seta' ħassu frustrat u sorpriż b'ċerta fatti, fosthom li Ian kien *salesman* u li Gary ma kienx impjegat tas-soċjetà intimata, żgur li dawn ma jammontawx għal qerq da parti tas-soċjetà intimata.

[6] **John Calleja vs Carmelo sive Charles Degiorgio et**, 24 ta' Marzu, 2003 Qorti tal-Appell (Inferjuri), (App. Ċiv. Nru 833/1997/2 PS)

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti Pierre Caruana. Il-Qorti madanakollu tirrakkomanda lir-rikorrenti u lis-soċjetà intimata sabiex f'qasir żmien jaffettwaw l-istallazzjoni tal-pannelli odjerni.

L-ispejjeż huma a karigu esklussiv tar-rikorrenti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**